MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 299/2002/1

**Joseph R. Darmanin**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Marzu, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat, prevja dikjarazzjoni li hu responsabbli ghall-allegazzjonijiet imxandra fil-gazzetta Kull Hadd ta' nhar it-3 ta' Marzu tas-

sena 2002 u ta' nhar it-28 t'April tas-sena 2002 taht l-irjus "Ta' Vienna favoriti li jiehdu l-Ajruport" u "Konferma" rispettivament:

1. Illi hu responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur minhabba li l-fatti mxandra kienu malafamanti, libelluzi u ntizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta' l-istess attur kif jirriuzlta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti ai termini ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, (Kap 248);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie regolarment ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-pubblikazzjonijiet imsemmija mill-attur m'humiex libelluzi fil-konfront ta' l-attur;

2. Illi inoltre, il-fatti msemmija jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk l-attur deherlu li kien fihom xi inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa;

3. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f' "*fair comment"* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Malta International Airport p.l.c. u ilu hekk f'din il-kariga mis-26 t'Ottubru ta' l-1998;

2. Illi l-attur jirrizulta wkoll li kien Konslu Generali Onorarju ta' l-Awstrija f'Malta ghall-perjodu ta' madwar tletin (30) sena izda pprezenta r-rizenja tieghu minn din il-kariga madwar is-sena 2002;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta' l-artikoli indikati fl-avviz odjern l-attur jirrileva s-segwenti:

A. L-Artikolu datat it-3 ta' Marzu tas-sena 2002 intitolat "Ta' Vjenna Favoriti Li Jiehdu l-Ajruport":

i. Illi fis-sitt paragrafu ta' l-imsemmi artikolu hemm is-segwenti:

"Huwa mifhum li J.R. Darmanin diga' qieghed jitkellem dwar il-pjani futuri tal-konsorzju Malta Mediterranean Link ghat-tmexxija ta' l-ajruport";

ii. Illi fit-tielet paragrfu ta' l-imsemmi artikolu hemm is-segwenti:

"Rapprezentanti tal-konsorzju huma konvinti li se jkunu huma li ser jiehdu t-tmexxja ta' l-ajruport, tant li diga' qieghed jinghad li c-chairman li se jmexxi l-operazzjonijiet tal-kumpanija f'Malta ser ikun J.R. Darmanin";

iii. Illi fir-raba’ paragrafu ta’ l-istess artikolu hemm is-segwenti:

“J.R. Darmanin huwa konslu ta’ l-Awstrija f’Malta u wkoll ir-rapprezentant ta’ l-Austrian Airlines f’pajjizna”;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur li ritratt tieghu kien ukoll esebit b’mod prominenti fl-artikolu de quo, isostni li hassu malafamat b’dawn it-tlett asserzjonijiet u jirribadixxi bl-aktar mod kategoriku is-segwenti:

1. Ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ l-ewwel zewg lanjanzi fuq riprodotti dawn huma michuda bl-aktar mod assolut stante li dak allegat m’hux minnu;

2. Illi ghal dak li ghandu x’jaqsam mat-tielet lanjanza l-attur isostni li effettivament hu kien Konslu Generali Onorarju ta’ l-Awstrija f’Malta izda kien irrizenja mill-karigu kif fuq indikat u fiz-zmien meta gew ippubblikati l-artikoli in dizamina hu ma kienx jokkupa tali kariga;

3. Illi rigward l-Austrian Airlines isostni li hu irrapprezentahom ghal madwar sbatax-il sena izda kien telaq mill-kariga fl-1997 u allura anke f’dan il-kaz l-attur ma kellu l-ebda relazzjoni mas-socjeta’ indikata;

4. Illi allura hu pacifiku li fid-data ta’ meta deher l-artikolu in dizamina l-attur ma kellu l-ebda konnessjoni hajja la mal-Konsolat u lanqas mal-kumpanija ta’ l-ajru msemmija;

B. Artikolu datat it-28 t’April tas-sena 2002 intitolat “Konferma: John Dalli jghid li t-tahdidiet ma’ l-Alterra fallew f’Jannar”, u sotto intitolat “Ftehim li Jqajjem Hafna Mistoqsijiet ”;

i. Illi fis-sitt paragrafu ta’ l-imsemmi artikolu hemm is-segwenti:

“Fl-istess harga konna rrappurtajna li J.R. Darmanin, li ghal zmien twil kien ir-rapprezentant ta’ l-Austrian Airlines f’pajjizna, mistenni jinghata l-inkarigu li jmexxi l-operazzjonijiet tal-kumpanija f’Malta”;

ii. Illi fis-seba’ paragrafu ta’ l-istess artikolu hemm is-segwenti:

“J.R. Darmanin huwa wiehed mill-membri tal-Bord tal-Malta International Airport u diversi drabi mexxa l-laqghat ta’ dan il-bord fl-assenza tac-chairman Lawrence Zammit”;

iii. Illi finalment hemm ukoll is-segwenti:

“Huwa mifhum li J.R. Darmanin kien mitlub jaghmel affidavit f’dawn l-ahhar jiem biex jiddikjara li huwa ma kienx ghad ghandu konnessjonijiet ma’ l-Austrian Airlines”;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tat-tlett asserzjonijiet fuq riprodotti l-attur informa lill-qorti bil-gurament li effettivament gieli kien hemm xi okkazzjonijiet fejn assuma post ic-Chairman fl-assenza tieghu biex jikkonduci l-laqghat tal-bord fuq indikat izda bl-aktar mod kategoriku jichad li qatt gie mitlub jipprezenta xi affidavit kif indikat fl-artikolu inkriminat;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-fatti kif esposti f’din il-procedura jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-attur kien membru tal-bord tas-socjeta’ “Malta International Airport p.l.c.” fil-perjodu in dizamina;

2. Illi fil-perjodu immedjatament precedenti l-artikoli in dizamina din is-socjeta’ kienet ghaddejja minn progett ta’ privatizazzjoni;

3. Illi pero' bhala direttur tas-socjeta' indikata fil-paragrafu numru 1 ta' din it-taqsima, l-attur "…ma kellu x'jaqsam xejn ghaliex il-bord tad-diretturi ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-process hlief biex jiffirma "l-Information Memorandum" li hareg il-Gvern", (ara fol 14);

4. Illi meta c-chairman kien jirrapporta l-progress li kien ikun registrat fir-rigward tal-privatizzazzjoni, din l-informazzjoni kienet tkun "…kwazi pubblika", (ara fol 14);

5. Ic-chairman qatt ma gie sostitwit minn rapprezentant tal-Malta International Airport p.l.c. meta dan ma kienx ikun f'posizzjoni li jattendi l-laqghat tal-"Privatisation Unit";

6. Illi pero' in-negozjati vera u proprja ma kienx ikun informat bihom dan il-bord;

7. Illi di piu' jirrizulta li l-attur qatt ma gie mitlub jippartecipa b'xi mod f'din il-kwistjoni hekk delikata;

8. Illi fil-funzjonijiet kollha tieghu l-attur dejjem mexa fuq id-direzzjoni lilhu moghtija mic-chairman tieghu u jirrizulta abbundantement assodat li dan l-attur kien ghal kollox sajjem mill-kwistjoni tal-privatizzazzjoni;

9. Illi di piu', l-attur ma jirrizultax li qatt gie mitlub mill-"Privatisation Unit" biex jipproduci xi affidavit la fis-sens indirizzat fl-artikolu de quo, lanqas mod iehor;

10. Illi kull ma sar kienet dikjarazzjoni spontanea li dehret necessitata minn artikolu partikolari li deher f'gazzetta ohra u li kienet tirrigwarda xi interessi li l-attur seta' kellu f'bank zghir lokali; (ara fol 33);

Ikkunsidrat:

Illi l-editur konvenut isostni li ppubblika l-artikoli de quo fuq informazzjoni ricevuta;

Illi l-istess attur jikkonferma li hu kien li kiteb l-informazzjoni meritu ta' din il-kawza (ara fol 46), u li

ghamel dan a bazi ta' informazzjoni li rcieva u li kien "…jigi rrappurtat x'kien qed jghid fuq il-hsibijiet li kellu…";

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut jistriehu unikament fuq din il-bazi personali u soggettiva, (ara fol 46);

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad li mehudin singulatim l-asserzjonijiet vantati fil-konfront tal-attur ma jammontawx ghal xi molestja insapportabbli;

Illi pero' il-gravita' taghhom hi inkwetanti meta wiehed jezaminahom komplessivament u fil-kuntest ekonomiku – socjali li tpoggew fihom mill-istess editur;

Illi l-implikazzjoni xejn sottili ta' l-artikoli de quo hi s-segwenti:

1. Illi l-attur jokkupa l-kariga tieghu permezz ta' nomina ta' effett politiku;

2. Illi minhabba l-konnessjonijiet tieghu ma' l-Awstrija kif fuq indikati l-attur jipposiedi konoxxenzi profondi;

3. Illi ghalhekk seta' jimmanipula l-andament tan-negozjati li kienu ghaddejjin u jgibhom kollha fl-interessi tieghu u ta' l-allejati tieghu li ilu jirrapprezenta zmien twil;

Ikkunsidrat:

Illi tali inferenzi ma riedux studju profond biex jigu asseriti minn kull min kien espost ghall-artikoli in dizamina;

Illi pero' jirrizulta li l-artikolisti u informaturi mistura involuti naqsu mir-riskontru oggettiv.

Illi addirittura jirrizulta li l-konvenut ipprova jiskopri xi haga f'din l-istess procedura biex jipprova l-veradicita' ta' l-artikoli de quo mill-procedura odjerna;

Illi ovvjament “spedizzjoni tas-sajd” bhal din m’hix permissibbli u tirrizulta biss f’abbuz tal-process gudizzjarju, stante li l-ligi ta’ l-istampa qeghda hemm biex tipprotegi l-verita’ u l-prudenza socjali u mhux l-insinwazzjoni malinna u n-nofs verita’;

Illi kif gie ritenut b’semplicita fid-decizjoni Miller vs Scory, (Vol. XXXVI.IV.p.843):

“…il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-“comment” biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun “fair and bona fide” jekk il-fatt attribwit …ma jkunx veru”;

Illi ghalhekk l-eccezzjoni li l-fatti in dizamina jikkostitwixxu “…rappurtagg gurnalistiku…” hi biss messa in scena stante li r-rappurtagg in dizamina hu ibbazat biss fuq supposizzjonijiet u insinwazzjonijiet li lanqas biss jirrizultaw li jammontaw ghall-anqas ghal indizji;

Illi in oltre din il-qorti, hi sodisfatta li l-konvenut Agius hu editur tal-gazzetta in dizamina, (ara fol 10);

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ma jistghux jigu akkolti stante li l-fatti allegati m’hux biss ma jirrizultawx anzi, jirrizulta li dan seta’ jigi affermat mill-istess konvenut kemm-il darba kien jiehu l-izbriga li jfittex il-verifika ta’ l-allegazzjonijiet li kienu qed jasslulu minn min kien verament edott mill-fatti;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut Felix Agius responsabbli ta’ malafama u libell fil-konfront ta’ l-attur Joseph R. Darmanin minhabba li l-fatti mxandra kienu malafamanti, libelluzi u ntizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta’ l-istess attur;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et tal-15

ta’ Novembru ta’ l-1994 rigwardanti l-likwidazzjoni tad-danni reali kkontemplati fil-ligi ta’ l-istampa ;

3. Tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti:

a. Illi l-attur mhux personagg pubbliku;

b. Illi l-konvenut ma jirrizultax li pprova jikkonferma l-allegazzjonijiet li kien qed jircievi b’serjeta’;

c. Illi l-agir tal-konvenut ma jirrizultax li kien in buona fede;

4. Rat l-artikolu 28 tal-Kap 248 u tikkundanna lill-konvenut Felix Agius biex ihallas lill-attur Joseph R. Darmanin l-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0); bl-ispejjez ta’ din il-procedura.**”**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji li gejjin:-

1. In kwantu bazati fuq fatti veri l-artikoli stampati ma’ humiex malafamanti u dawn bl-ebda mod ma jpoggu lill-attur f’dawl ikrah f’ghajnejn il-pubbliku.
2. F’kull kaz l-attur seta’ pprevalixxa ruhu mid-dritt tar-risposta u dan billi jwiegeb ha jikkjarifika l-posizzjoni tieghu. Hu jissottometti li l-attur stess ammetta li okkupa l-kariga ta’ vici Chairman tal-Malta International Airport fl-assenza tac-Chairman u allura kien involut direttament fil-process ta’ privatizazzjoni.

Il-fatti ta’ din il-kawza huma tajjeb esposti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz allura li dawn jigu replikati. F’kazijiet ta’ din ix-xorta l-oneru tal-attur biex isostni t-talba tieghu kien dak li jipprova illi l-artikolu jew artikoli mitbugha fiz-zewg hargiet tal-gurnal KullHadd kienu ingurjuzi ghall-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tieghu fis-socjeta`.

Jidher li l-ewwel Qorti kienet konvinta minn dan meta ezaminat il-materja fil-kumpless u l-kuntest shih ta’ l-artikoli.

F’dan s’issa premess ma jidher li hemm xejn gdid minn dak drabi ohra ravvizat f’bosta sentenzi tal-Qrati f’azzjonijiet ta’ libell. Hekk per ezempju l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet irrimarkat dan:-

“The law recognizes in every man a right to have the estimation in which he stands in the opinion of others unaffected by false statements to his credit, and any disparagement of his good name is an infringement of this right. To amount to libel, the words must tend to lower the plaintiff in the estimation of society generally; and the writing and publishing of anything which makes him an object of ridicule is actionable. But it is necessary to take into consideration not only the actual words used, but the context of the words; the words must be taken together, in order to ascertain the “sting” of the incriminated article” – “**The Police –vs- Joseph James Scorey**”, 10 ta’ Jannar 1949, riportata a **Vol XXXIII pIV p780**.

L-istess bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi d-dikjarazzjonijiet ta’ fatt atribwiti lill-attur – rapprezentant ta’ l-Austrian Airlines u membru tal-Bord tal-MIA – ma kellhomx jigu meqjusa izolatament mill-kumplament ta’ l-istampat. Inter alia, l-kumment riportat fil-harga tal-gurnal tat-3 ta’ Marzu 2002 illi rapprezentanti tal-konsorzju Malta Mediterranean Link huma konvinti illi ser jiehdu t-tmexxija tal-airport u li kien qed jinghad f’dan il-kuntest illi l-attur kien ser ikun ic-chairman li jmexxi l-operazzjonijiet taghha f’Malta. Kumment dan li mbaghad gie konsegwit minn kumment iehor fil-harga tal-istess gurnal tat-28 ta’ April 2002 illi l-attur kien mitlub jaghmel affidavits biex jiddikjara li huwa ma kienx ghad ghandu konnessjonijiet ma’ l-Austrian Airlines.

Huwa ben car illi l-osservazzjoni li tohrog minn dawn il-kummenti fil-kuntest li saru hi dik li l-attur kien b’xi mod imdeffes fil-process tal-privatizazzjoni ta’ l-airport, materja din minnha nfisha ta’ interess pubbliku, u li ghalhekk jinsab insinwat ukoll illi l-attur bhal speci abbuza mill-posizzjoni tieghu bhala rapprezentant tal-linja tal-ajru

Awstrijaka u qua membru tal-Bord tal-MIA ghal vantagg tal-konsorzju msemmi u dak privat tieghu.

Issa huwa pacifikament akkolt illi meta f’kawza ta’ libell tigi eccepita d-difiza tal-‘fair comment’ jehtieg li jkunu gew pruvati l-fatti tal-libell li dwarhom l-artikolist jew l-editur ikun qed jippretendi li ghamel kumment li hu bona fide. Dan ghaliex biex jinghata lok ghal dan il-mezz difensjonali l-fatti jridu jkunu veri fil-kompletezza taghhom.  “Jekk il-fatt ma hux veru, ma jistax ikun “fair” il-kumment ghax ebda “comment” ma hu “fair” jekk ikun “built on facts not truly stated”” (“**Thomas W. Hedley et noe –vs- Emmanuel C. Tabone et**”, App. Krim, 27 ta’ Gunju 1953).

Jinkombi ghalhekk fuq il-konvenut illi jipprova l-fatti specifici u determinati rakkontati jew kummentati minnu u li dwarhom l-attur ikun hassu libellat.  Kif inhu sew affermat, jekk min bhall-attur, jokkupa kariga ufficjali jew ta’ riljev hu suggett ghal kritika, anke harxa jew pregudizzjevoli ghalih, daqstant iehor dan ghandu d-dritt li ma jkunx offiz fl-unur u r-reputazzjoni tieghu, u min jattakkalu dan il-gieh morali b’attribuzzjonijiet jew b’insinwazzjonijiet, irid, almenu sostanzjalment, jipprova l-allegazzjonijiet li jaghmel, biex ikun jista’ jehles mir-responsabilita` tieghu quddiem il-ligi.  Ara “**Il-Pulizija –vs- Dr. Carmelo Caruana**”, App Krim, 14 ta’ Awissu 1958 migjuba a **Vol XLII pIV p1470**.

F’dan il-kaz kif sewwa irragunat l-ewwel Qorti l-konvenut ma wasalx f’din il-prova u allura d-difiza tieghu tal-‘fair comment’ ma setghetx tirnexxi.

Kwantu ghall-gravam sollevat illi l-attur kellu in forza tal-ligi d-dritt tar-replika, ghalkemm dan huwa korrett, b’danakollu dan l-istess dritt ma jfisserx,  imbaghad, illi ghax ma jkunx gie adoperat b’daqshekk ghandu jservi biex jehles lill-konvenut appellant mir-responsabilita`. “Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni” – “**Onor. Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja noe**”, Appell, 25 ta’ Mejju 2001.

Dan l-aggravju qieghed jigi ghalhekk skartat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell intavolat u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------